**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 845/02**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Charles Cassar**

**Illum 28 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Charles Cassar, iben Charles u Tessie neè Refalo, imwieled l-Australia fit-13 ta' Awwissu 1966, residenti 4, Triq il-Mitħna, Għargħur, Zurrieq, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 504392(M), talli:

1. Bejn id-9 ta' Mejju 2002 u s-6 ta' Ġunju 2002 f'xi ħin matul il-ġurnata f'Ħad-Dingli kkommetta serq ta' oġġetti (pompa tad-diesel) mill-barriera magħrufa bħala Ta' Żuta, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbeż il-mitt Lira iżda mhux l-elf Lira Maltin u li sar għad-detriment tad-diriġenti tal-kumpanija Zrar Ltd.;

2. Fl-istess żmien, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara hwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom; u

3. Talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta datata 19 ta' Mejju 1994, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat id-dokumenti a fol. 2 sa' 6 tal-proċess;

Rat ir-riferta a fol. 11 tal-proċess;

Rat li l-imputat qatt ma deher ghas-seduti li nżammu stante li skond l-Uffiċjal Prosekutur l-istess imputat ma kienx rintraċċabbli;
Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2004[1], il-kawża ġiet differita *sine die*;

Rat li b'Digriet mogħti fis-27 ta' Marzu 2018[2], il-kawża reġgħet ġiet riappuntata għall-15 ta' Mejju 2018 fil-11:00a.m.;

Rat li għal diversi seduti ma deher ħadd iżda imbagħad fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, dehru kemm l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Arthur Mercieca kif ukoll l-imputat debitament assistit;

Rat li waqt l-eżami l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[3];

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[4];

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018 l-imputat issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu jikkontesta l-awtentiċità tar-riferta a fol. 11 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' PC1159 Martin John Mifsud u l-konfront bejn PC 1159 Martin John Mifsud u l-imputat waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019, u dana limitatament għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tad-Difiża u tal-Prosekuzzjoni dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli: (1) bejn id-9 ta' Mejju 2002 u s-6 ta' Ġunju 2002 f'xi ħin matul il-ġurnata f'Ħad-Dingli kkommetta serq ta' oġġetti (pompa tad-diesel) mill-barriera magħrufa bħala Ta' Żuta, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbeż il-mitt Lira, illum ekwivalenti għal €232.94, iżda mhux l-elf Lira Maltin, illum ekwivalenti għal €2,329.37, u li sar għad-detriment tad-diriġenti tal-kumpanija Zrar Ltd.; (2) fl-istess żmien, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xtara hwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex jbiegħhom jew imexxihom; u (3) talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta datata 19 ta' Mejju 1994, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

[1] Fol. 18 tal-proċess.
[2] Fol. 19 tal-proċess.
[3] Fol. 26 tal-proċess.
[4] Fol. 27 tal-proċess.

Waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2018, wara li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u ddikjara li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni stante li jikkontesta l-awtentiċità tar-riferta a fol.11 tal-proċess. Il-Prosekuzzjoni da parte tagħha tikkontendi li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma hijiex preskritta in kwantu l-istess imputat ġie notifikat bl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu kif jirriżulta mir-riferta a fol. 11 tal-proċess.

In sostenn tal-posizzjoni tagħha li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma hijiex preskritta, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil PS 1159 Martin John Mifsud li mistoqsi x'seta' jgħid dwar ir-riferta esebita a fol. 11 tal-proċess wieħeb: *jiena nkun qassamt din ir-riferta fis-City Gate Valletta fid-data imsemmija*. Mistoqsi mill-Qorti *fid-data imsemmija fir-riferta?* PS 1159 Martin John Mifsud wieġeb *eżatt*. In kontro-eżami mistoqsi jekk kienx qed jagħraf lill-imputat, PS 1159 Martin John Mifsud wieġeb *l-imputat hawnhekk mhux qed nagħrfu imma hemmhekk la nkun tajthielu mhux id-dar tiegħu, kont għaraftu għax jiena kont xogħol fl-uffiċju ta' l-Ispettur Pullicino u kont iltaqjt miegħu allura b'hekk inkun naf min hu l-persuna.* Mistoqsi ulterjorment *la mhux qed tagħrfu hawn, inti mort fuq il-persuna nimmaġina tagħmel xogħlok u tajthom ir-riferta? Tlabtu identifikazzjoni lill-persuna biex tikkonferma?* L-imsemmi PS 1159 Martin John Mifsud iddikjara *jekk jiena nkun rajt lill-persuna fl-uffiċju u nkun naf min hu l-persuna u jiena ċempiltlu, dan inkunu tajnihielu hemm għax ma jkunx instab id-dar għax ikun jaħdem ħinijiet twal allura nkunu qassmnihielu għall-kumdità tiegħu u nkun ċempiltlu u nkun ftehmt miegħu fejn ħa jkun dak il-ħin partikolari u nkun mort tajthielu hemhekk u l-ID Card m'hemmx għalfejn nitlobhielu għax il-persuna nkun ġia nafu għax dak iż-żmien kont naħdem fl-istess uffiċju ta' l-Ispettur Pullicino.* Mistoqsi *dak iż-żmien niftakar li l-akkużati kienu jiffirmaw għaliha wkoll, hu kien iffirmalek?* PS 1159 Martin John Mifsud iddikjara *le jiena għandi ħamsa u għoxrin sena servizz u minn ħamsa u għoxrin sena servizz qatt ħadd ma tlabtu jiffirmali. … Qatt ma kien hemm il-bżonn li l-persuna jiffirmalek*[5].

Da parte tiegħu l-imputat iddikjara li *jiena ma nistax ngħidlek hux veru jew le* [ossia kienx ġie notifikat bl-imputazzjonijiet o meno] *għax għadda ż-żmien u ma nista' niftakar xejn, lanqas lilu ma nagħraf jiena. … M'għandix ideja jiena minn dak iż-żmien*. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni fejn kien jaħdem fl-2003, l-imputat wieġeb li kien *xufier b'tal-linja*[6].

Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa prinċipju ġuridiku assodat fis-sistema nostrali li *persuna li tkun akkużata b'xi reat jew kontravenzjoni mhi tenuta ġġib l-ebda prova u darba titqajjem eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova illi l-akkuża ma kienetx preskritta u l-azzjoni setgħet titmexxa. Ma hemm l-ebda oneru fuq imputat illi jġib il-provi hu u juri illi l-azzjoni kienet preskritta. Għalhekk il-Qorti trid tasal għal din id-deċiżjoni fuq dak li jirriżulta mill-Atti*[7].

---

[5] Vide xhieda mogħtija minn PS 1159 Martin John Mifsud waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019, fol. 29 u 30 tal-proċess.
[6] Vide konfront bejn PS 1159 Martin John Mifsud u l-imputat, waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019, fol. 31 tal-proċess.
[7] Il-Pulizija v. Bartolomew Bonnici, Appell Kriminali Nru. 37/12 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.

Fil-każ in eżami ma hemmx dubju li għall-fini li tirribatti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat, il-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq ir-riferta esebita a fol. 11 tal-proċess u dan kif jidher ferm ċar anke mix-xhieda ta' PS 1159 Martin John Mifsud li in eżami bla tlaqliq ta' xejn iddikjara *jien inkun qassamt din ir-riferta fis-City Gate Valletta fid-data imsemmija* f'dik ir-riferta. Għalkemm ġiet esebita riferta u għalkemm il-Qorti taqbel ma' dak dikjarat minn PS 1159 Martin John Mifsud li l-firma ta' l-imputat u/jew ta' min jirċievi n-notifika ma hijiex meħtieġa ai termini tal-Ligi[8], fil-fehma tal-Qorti però l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma hijiex preskritta in kwantu ġie debitament notifikat entro t-terminu ta' preskrizzjoni previst fil-Liġi għar-reati partikolari lilu addebitati. In effetti minn eżami akkurat tar-riferta a fol. 11 tal-proċess jirriżulta immedjatament evidenti li fuq ir-riferta ma hemmx indikata data meta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat effettivament ġew, jekk ġew, notifikati lill-istess imputat.

Ir-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat, ossia r-reat ta' serq aggravat bil-persuna u bil-valur u r-reat ta' riċettazzjoni, jaqgħu taħt it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur ta' l-Artikolu 688(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress illi skond l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu dawn ir-reati allegatament seħħew bejn id-9 ta' Mejju 2002 u s-6 ta' Ġunju 2002, l-imputat kellu jiġi notifikat sa' mhux aktar tard mis-6 ta' Ġunju 2007, notifika din li però, jiġi ribadit, ma tirriżultax illi saret ai termini tal-Liġi.

Ir-riferta esebita a fol. 11 tal-proċess tagħmel referenza għas-seduta li kellha tinżamm fit-12 ta' Mejju 2003 u għalkemm jidher li hemm dikjarazzjoni ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv fis-sens illi *tajtha lilu stess City Gate Valletta minn PC 1159,* **taħt is-sezzjoni *data li fiha ġiet ikkunsinnata t-Taħrika* ma hemm assolutament xejn indikat** u għaldaqstant jinsorġi dubju serju kemm l-imputat ġie verament u effettivament notifikat bl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan id-dubju jkompli jiġi rafforzat mill-fatt illi l-imputat ma deherx għas-seduta tat-12 ta' Mejju 2003, ossia s-seduta li allegatament kien jaf dwarha, u lanqas qatt ma deher għas-seduti sussegwenti in kwantu, a detta tal-Prosekuzzjoni, huwa ma setgħax jiġi rintraċċjat għad illi suppost kien għadu kemm irnexxielha tinnotifikah u dana, skond PS 1159 Martin John Mifsud, anke billi kien intlaħaq ftehim ma' l-istess imputat li jiġi notifikat f'City Gate Valletta fejn kien iktar konvenjenti għalih (ossia għall-imputat).

Ix-xhieda mogħtija minn PS 1159 Martin John Mifsud ma tirrimedjax għan-nuqqas evidenti li fiha r-riferta a fol. 11 tal-proċess, nuqqas dan li serjament jimpinġi fuq l-awtentiċità u validita legali ta' l-istess riferta bħala prova valida tan-notifika f'waqtha w entro t-terminu ta' ħames snin previst mill-Artikolu 688(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-imputat bl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk jirriżulta li kif ġustament eċċepit mill-imputat l-azzjoni fil-konfront tiegħu hija preskritta.

[8] Vide Artikolu 362 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm l-imputat finalment spiċċa biex deher quddiem il-Qorti biex jirrispondi għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, u dana fid-19 ta' Novembru 2018, dana l-fatt ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti in kwantu kif ġia iktar 'l fuq osservat l-imputat - biex jiġi debitament notifikat bl-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu - kellu jiġi notifikat sa' mhux iktar tard mis-6 ta' Ġunju 2007, notifika din li però bl-ebda mod ma tirriżulta li saret entro tali terminu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputata in kwantu għal kollox fondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**